



Ġabra tal-ġurisprudenza

Digriet tal-Qorti Ġenerali (L-Ewwel Awla) tas-16 ta' Ottubru 2014 — Christodoulou u Stavrinou vs Il-Kummissjoni u Il-BĊE

(Kawża T-332/13)

“Rikors għal annullament — Programm ta' sostenn għall-istabbiltà ta' Ċipru — Dikjarazzjoni tal-grupp tal-euro dwar ir-ristrutturazzjoni tas-settur bankarju f'Ċipru — Isem żbaljat tal-konvenuta fir-rikors — Inammissibbiltà”

1. *Proċedura ġudizzjarja — Rikors promotur — Rekwiżiti proċedurali — Identifikazzjoni tal-konvenut — Deżinjazzjoni tal-konvenuta, mingħajr żball min-naħa tar-rikorrenti, ta' persuna li ma hijiex l-awtur tal-att ikkontestat — Inammissibbiltà — Limiti — Elementi li jippermettu mingħajr ambigwiżità l-identifikazzjoni tal-konvenuta (L-ewwel paragrafu tal-Artikolu 263 TFUE; Statut tal-Qorti tal-Ġustizzja, Artikolu 21; Regoli tal-Proċedura tal-Qorti Ġenerali, Artikolu 44(1)(b)) (ara l-punt 36)*
2. *Politika ekonomika u monetarja — Politika monetarja — Koordinazzjoni tal-politiki monetarji — Laqgħa informali tal-Istati Membri li għandhom l-ewro bħala munita fi ħdan il-grupp tal-euro — Entità awtonoma — Imputazzjoni tad-dikjarazzjonijiet adottati lill-Kummissjoni jew lill-Bank Ċentrali Ewropew — Esklużjoni (Artikolu 137 TFUE; Protokoll Nru 14 anness mat-Trattati UE u FUE) (ara l-punti 39, 41-45)*
3. *Politika ekonomika u monetarja — Politika ekonomika — Koordinazzjoni tal-politiki ekonomiċi — Mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà — Possibbiltà għall-Kummissjoni u l-Bank Ċentrali Ewropew li jeżerċitaw kompetenzi ta' kontroll — Esklużjoni (Trattat li jstabbilixxi l-mekkaniżmu Ewropew ta' stabbiltà, Artikoli 1, 2 u 32(2)) (ara l-punti 47, 48)*
4. *Rikors għal annullament — Atti li jistgħu jiġu kkontestati — Kunċett — Atti li jipproduċu effetti legali vinkolanti — Evalwazzjoni ta' dawn l-effetti skont is-sustanza tal-att — Dikjarazzjonijiet adottati mill-grupp tal-euro — Esklużjoni (Artikoli 137 TFUE u 263(1) TFUE; Protokoll Nru 14 anness mat-Trattati UE u FUE) (ara l-punti 51-53, 60)*
5. *Rikors għal annullament — Ġurisdizzjoni tal-Qorti tal-Unjoni — Talbiet intiżi li tinkiseb sentenza dikjaratorja — Inammissibbiltà (Artikolu 263 TFUE) (ara l-punt 64)*

Suġġett

Talba għall-annullament tad-dikjarazzjoni tal-grupp tal-euro tal-25 ta' Marzu 2013 dwar, b'mod partikolari, ir-ristrutturazzjoni tas-settur bankarju f'Ċipru.

Dispożittiv

- 1) Ir-rikors huwa miċħud b'ħala inammissibbli.
- 2) C. Christodoulou u M. Stavrinou huma kkundannati kemm għall-ispejjeż tagħhom kif ukoll għal dawk sostnuti mill-Kummissjoni Ewropea u mill-Bank Ċentrali Ewropew (BĊE).